# LECTIO DIVINA

# Is-Seba' u Għoxrin Ħadd

# Matul is-Sena (Sena C)

**Lq 17, 5-10**

**"L-appostli qalu lill-Mulej: 'Kattar fina l-fidi."** (v.5)

L-appostli jagħmlu din it-talba lil Ġesu' quddiem il-kelmiet iebsa dwar ir-riskju li wieħed jagħti skandlku u dwar il-maħfra kontinwa lil ħuk li jonqsok (ara Lq 17,1-5). Femhu li l-għaqda ta' bejniethom hija marbuta mal-fidi. Fehmu wkoll li l-fidi hija fraġli jekk ma tkunx msaħħa bil-grazzja t'Alla: *"Xmun, Xmun! Ara, ix-xitan riedkom f'idejh biex jgħaddikom mill-għarbiel bħall-qamħ, imma jiena tlabt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa."* (Lq 22,31-32), *"għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn"* (Ġw 15,5).

**"Weġibhom il-Mulej: 'Kieku kellkom fidi mqar daqs żerriegħa tal-mustarda, kontu tgħidu lil din is-siġra tat-tut, 'Inqala' u mur tħawwed fil-baħar, u hi kienet tisma' minnkom."** (v.6)

''***Kieku kellkom fidi mqar daqs żerriegħa tal-mustarda'***: Il-fidi ma titqiesx bħala kwantita' (f'kuntrast ma żerriegħa tal-mustarda), imma hija relazzjoni, hija att ta' fiduċja sħiħa f'Alla. Il-fidi li għalkemm tidher żgħira għandha fiha qawwa straordinarja.

***'kontu tgħidu lil din is-siġra tat-tut, 'Inqala' u mur tħawwed fil-baħar, u hi kienet tisma minnkom'***: L-għeruq ta' din is-siġra huma hekk reżistenti li s-siġra tista' tibqa' mħawla fl-art għal 600 sena *(Stoeger)*. Għal daqstant, ghalkemm il-għejxien tal-fidi iwettaq għeġubijiet, hemm dejjem ir-riskju li nitilfuha: *"Imma taħsbu intom li Bin il-Bniedem se jsib il-fidi fuq l-art meta jiġi?"* (Lq 18,8).

**"Wieħed minnkom ikollu qaddej qiegħed jaħrat jew jirgħa; meta jidħol mill-għalqa x'se jgħidlu? 'Ejja, isa, u oqgħod għall-ikel?' Jew, 'Lestili x'niekol, ilbes il-fardal u newwilli sa ma niekol u nixrob jien, u mbagħad tiekol u tixrob int'?"** (v.7-8)

***'ikollu qaddej'***: bil-grieg 'doulos', ilsir. L-appostlu jixbaħ lill-ilsir (mhux tiegħu nnifsu) sew meta 'jiżra'-jaħrat', b'referenza għax-xandir tal-Kelma, u sew meta 'jirgħa', b'referenza għar-relazzjoni mal-merħla biex jaqdiha fil-ħtiġijiet tagħha.

Għall-kuntrarju tal-aħħar kelma tal-vers ta' qabel: *'u hi kienet tisma' minnkom'*, il-fidi ma tfissirx xi qawwa tixbaħ lill-maġija, imma hija li toqgħod għall-Mulej, li tiddependi minnu: *"ikun li trid int"* (Mt 6,10)

***'ilbes il-fardal'*** u ***'newwilli sa ma niekol u nixrob jien'***: juru l-kundizzjoni tagħna ta' lsiera. Ġesu' jurina mħabbtu billi wettaq dan (ara Ġw 13,1ff); *"Il-kbir fostkom* (Ġesu' nnifsu) *għandu jkun il-qaddej tagħkom"* (Mt 3,11).

***'Ejja, isa, u oqgħod għall-ikel?' Jew, 'Lestili x'niekol...'***: Il-fidi hija mgħejxha kontinwament u kullimkien mhux f'mumenti (eż. meta nkun il-knisja u mbagħad fil-ħajja ordinarja ta' kuljum ma teżistix).

**"Jaqaw se jroddlu ħajr lill-qaddej talli jkun għamel li ordnalu?"** (v.9)

Fin-natura tagħna *(per natura)* aħna qaddejja. Frattant, Ġesu' nnifsu ħa n-natura ta' qaddej (skjav) u hekk obbliga lilu nnifsu li jaqdina: *"Hu li għad li kellu n-natura ta' Alla... xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbaħ lill-bnedmin..."* (Fil 2,6-7); *"Għax jien tajtkom eżempju, biex kif għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll"* (Ġw 13,15).

**"Hekk ukoll intom, meta tagħmlu kull ma tkunu ordnati, għidu, 'Aħna qaddejja li ma niswew għal xejn: għamilna biss dak li kellna nagħmlu.'"** (v.10)

***'Aħna qaddejja li ma niswew għal xejn'***: It-terminu grieg ma jurix żvalutazzjoni f'dak li aħna, imma li ma għandniex id-dritt għall-ħlas. Juri li l-ħidma tagħna hija sempliċament don tiegħu u għalhekk ma jista' jkollna l-ebda pretensjoni għal dak li nwettqu. Hija l-imħabba tiegħu li twassal biex jinqeda bina.

***'għamilna biss dak li kellna nagħmlu'***: *"Jekk jiena nxandar l-Evanġelju ma għandix biex niftaħar; jien obbligat nagħmlu dan. Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju. Jekk dan nagħmlu minn rajja, ikolli dritt għall-ħlas; imma jekk nagħmlu għax obbligat, dan ifisser li qiegħed nagħmel ix-xogħol li Alla fdali f'idejja"* (1 Kor 9, 16-17). Il-fariżew (ara Lq 18,9-14) kien qed jippretendi minn Alla xi drittijiet għal dak li kien jagħmel.

San Pawl meta stqarr li qeda' lill-Mulej bl-umilta' (ara Atti 20,19), jgħid: *"Iżda jien lil ħajti xejn ma nqisha għażiża għalija jekk mhux biex intemm il-mixja tiegħi u l-ministeru li ħadt mingħand il-Mulej Ġesu'"* (Atti 20,24).

Għar-Riflessjoni:

1. Kull tip ta' awtorità tfisser qadi: *"qdejt lill-Mulej bl-umilta' kollha, bid-dmugħ u bit-tiġrib li fih sibt ruħi minħabba t-tnassis tal-Lhud"* (Atti 20, 19); *"Aħna ħaddiema ma' Alla; u intom l-għalqa ta' Alla"* (1 Kor 3,9). Kull ħidma li nwettaq qed inqisha bħala missjoni ta' qadi afdata f'idejja? Ċerti diżappunti tagħna huma marbutin mal-pretensjonijiet.
2. Nipprova nikkontempla lil Alla lli qiegħed jaqdini/iħobbni... jirnexxieli nagħraf u niggosta s-sinjali tal-imħabba tal-Missier għalija?
3. Jeżistu *areas* fl-ħajja tiegħi fejn jien mhiniex indaħħal fihom il-fidi? X'qed ikun ir-riżultat ta' dan?